

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' IFEJJAQ BINT MARA PAGANA MAHKUMA MINN SPIRTU HAZIN

**Matt. 15:21-29; Mark 7:24-30**

Gesu' dahal go dar li kienet fl-inhawi tal-belt ta' Tir. Xtaq kieku joqghod wahdu flimkien mad-dixxipli tieghu jitkellem maghhom fuq il-hwejjeg tas-sema.

Izda ghal xi raguni jew ohra, xterdet l-ahbar li Kristu kien qieghed f'dawk l-inhawi. Semghet bih wahda mara li kellha t-tifla taghha mahkuma minn spirtu hazin.

Halliet dak kollu li kellha f'idejha u marret tigri lejn dik id-dar li qaluha biha. Dak li qalulha kien verita': Gesu' ta' Nazaret kien qieghed hemm. Minghajr hafna ceremonji hija nizlet gharkbutejha u talbet lil Gesu' biex ihenn ghal bintha.

Gesu' irrifjuta li jaghmel dan u wegibha hekk ghat-talba taghha: "L- ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax m'hux sewwa tieħu l-ħobż ta' l-ulied u tixħtu lill-ġriewi."

Il-mara ma cedietx ghar-rifjut ta' Kristu u wegbitu lura: "Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal."

L-Imghallem ta' Nazaret stghageb ghall-kliem ta' fidi li kellha u qalilha: "Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek."



Il-mara rringrazzjat lil Gesu' u marret lura d-dar u sabet lil bintha mfejqa u f'sikitha.

## Riflessjoni:

Gesu' jistenna biss fidi minn ghandna. Nemmnu li ser jismaghna fil-htigijiet taghna.

Ma jfissirx b'daqshekk li ser jaghtina dak li nitolbuh dak l-hin stess. Nistghu ndunu granet, gimghat xhur u forsi anke snin sa ma jismaghna.

Santa Monika, omm Santu Wistin damet snin titkarrab lil Gesu' biex binha Agostino jikkonverti u fl-ahhar wara snin sema' talbha. Tant dam ma ikkonverta Santu Wistin li wara li biddel hajtu u gharaf lil Kristu hekk qallu lil Gesu': " Kemm domt ma gharaftek Mulej."

Ma naqtghux qalbna…nitolbu u nibqghu nitolbu…Kristu jkun hemm jismaghna, hdejna, imma jkun irid jara kemm ahna nemmnu li hu jista' jtina dak li qed nitolbu.

Meta nkunu ser naqtghu qalbna nghidulu: "Mulej ghin il-fidi dghajfa tieghi."